



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 18 ta' Diċembru 2017
(OR. en)

15811/17

ENV 1073
RECH 421
COMPET 875
IND 380
MI 965

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	18 ta' Diċembru 2017
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.:	15159/1/17 ENV 1009 RECH 393 COMPET 829 IND 342 MI 893 REV 1 + REV 1 ADD 1
Suġġett:	L-Ekoinnovazzjoni: biex tkun tista' ssir transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari - Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq, adottati mill-Kunsill fit-3590 laqgħa tiegħu li saret fit-18 ta' Diċembru 2017.

L-Ekoinnovazzjoni: biex tkun tista' ssir transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari**- Konklużjonijiet tal-Kunsill -****FILWAQT LI JFAKKAR:**

Fir-Riżoluzzjoni tal-AĠNU tal-25 ta' Settembru 2015 bit-titlu "Nittrasformaw id-dinja tagħna: L-aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli" u fil-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima (COP 21) u fir-Riżoluzzjonijiet 1/5 u 2/7 dwar is-sustanzi kimiċi u l-iskart, u 2/8 dwar il-produzzjoni u l-konsum sostenibbli, kif adottati mill-ewwel u t-tieni sessjoni tal-Assemblea tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent (UNEA) f'Nairobi fis-27 ta' Ġunju 2014 u s-27 ta' Mejju 2016;

Fl-Istrateġija Ewropa 2020 għal tkabbir intelliġenti, sostenibbli u inklużiv adottata mill-Kunsill Ewropew fis-17 ta' Ġunju 2010, l-Inizjattivi Ewlenin tagħha "Ewropa Effiċjenti fl-użu tar-Riżorsi" u "Unjoni tal-Innovazzjoni", u d-Deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Novembru 2013 dwar Programm Ġenerali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Unjoni sal-2020 "Ngħixu tajjeb, fil-limiti tal-pjaneta tagħna" (Is-Seba' EAP) għal ekonomija b' emissjonijiet baxxi tal-karbonju li tkun effiċjenti fl-użu tar-riżorsi, ekoloġika u kompetittiva¹;

Fil-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar "Innovazzjoni għal ġejjieni sostenibbli - Il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekoinnovazzjoni"²; "Nibnu s-Suq Uniku għall-Prodotti Ekoloġiċi: Niffaċilitaw tagħrif aħjar dwar il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti u tal-organizzazzjonijiet"³; "Pjan ta' Azzjoni Ekoloġiku għall-SMEs: Għajnuna għall-SMEs biex isarrfu l-isfidi ambjentali f'opportunitajiet tan-negozju"⁴; "L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għal Ekonomija Ċirkolari"⁵ u r-rapport dwar l-implimentazzjoni tiegħu⁶, "Id-Diġitalizzazzjoni tal-Industrija Ewropea - Ingawdu l-benefiċċji kollha ta' Suq Uniku Diġitali"⁷ u "Ninvestu f'industrija intelliġenti, innovattiva u sostenibbli - Strateġija mġedda għall-politika industrijali tal-UE"⁸;

¹ ĠU UE L 354/171, 28.12.2013.

² 18874/11 - COM(2011) 899 final + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3.

³ 8310/13 - COM(2013) 196 final + ADD 1 + ADD 2.

⁴ 11616/1/14 REV 1 - COM(2014) 440 final + ADD 1 REV 1.

⁵ 14972/15 - COM(2015) 614 final + ADD 1.

⁶ 5799/17 - COM(2017) 33 final + ADD 1.

⁷ 8100/16 - COM(2016) 180 final + ADD 1.

⁸ 12202/17 - COM(2017) 479 final + ADD 1.

Fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar:

- Amministrazzjoni sostenibbli tal-materjali u produzzjoni u konsum sostenibbli: kontribut ewlieni għal Ewropa effiċjenti fl-użu tar-riżorsi⁹;
- L-ekoloġizzazzjoni tas-Semestru Ewropew u tal-Istrateġija Ewropa 2020 - Reviżjoni ta' nofs it-term¹⁰;
- Pjan Direzzjonali għal Ewropa b'użu effiċjenti tar-riżorsi¹¹;
- L-għeluq taċ-ċirku - Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-Ekonomija Ċirkolari¹²;
- Il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent permezz ta' ġestjoni tajba tas-sustanzi kimiċi¹³;
- L-UE u Katini ta' Valur Mondjali Responsabbli¹⁴;

FILWAQT LI JFAKKAR li l-ekoinnovazzjoni hi kwalunkwe forma ta' innovazzjoni li tirriżulta fi jew għandha l-għan li jsir progress sinifikanti u li jidher lejn il-mira tal-iżvilupp sostenibbli, billi tnaqqas l-impatti fuq l-ambjent, issaħħaħ ir-reżiljenza għal pressjonijiet ambjentali, jew tikseb użu aktar effiċjenti u responsabbli tar-riżorsi naturali¹⁵; FILWAQT LI JAGĦRAF ukoll li r-riċerka u l-innovazzjoni huma essenzjali biex tingħata spinta lill-proċessi sostenibbli u effiċjenti meħtieġa sabiex tiġi stimulata t-transizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari, filwaqt li jiġi rrispettat b'mod sħiħ il-prinċipju ta' prekawzjoni;

FILWAQT LI JENFASIZZA r-rwol tal-ekoinnovazzjoni biex jinstabu soluzzjonijiet permezz tat-titjib tal-prestazzjoni ambjentali u reżiljenza akbar tul iċ-ċikli tal-ħajja tal-prodotti, filwaqt li terġa' ssir riflessjoni dwar il-katini ta' provvista u titnaqqas kemm jista' jkun il-ġenerazzjoni tal-iskart;

⁹ 17495/10.

¹⁰ 14731/14.

¹¹ 18346/11.

¹² 10518/16.

¹³ 15673/16.

¹⁴ 8833/16.

¹⁵ 18874/11 - COM(2011) 899 final + ADD 1 + ADD 2 + ADD 3.

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza li jitrawwem żvilupp ekonomiku u soċjali li fost affarijiet oħra jsostni jew jerġa' jibni ambjent ta' għajxien li jkun tajjeb għas-saħħa, inkluż is-salvagwardja jew il-bini mill-ġdid tal-bijodiversità; FILWAQT LI JISĦAQ fuq il-ħtieġa ta' koerenza bejn politiki li jappoġġaw l-innovazzjoni u politiki oħrajn b'mod partikolari b'attenzjoni partikolari fuq il-ħarsien tas-saħħa tal-bniedem, l-ambjent u t-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari; FILWAQT LI JENFASIZZA l-ħtieġa li l-ekonomija ċirkolari tkompli tiġi stimulata permezz ta' politiki ambjentali, marbutin b'mod partikolari mal-klima, l-iskart u l-ilma, kif ukoll politiki oħrajn, bħall-politika industrijali, dik agrikola u dik dwar ir-riċerka, u l-ħtieġa li jittejjbu u jissaħħu l-kompetenzi rilevanti li għandhom effett pożittiv fuqhom;

FILWAQT LI JAPPROVA l-għan li nimxu lejn produzzjoni u konsum sostenibbli u għaldaqstant lejn soċjetà sostenibbli, fil-livell lokali, nazzjonali, reġjonali u dinji; FILWAQT LI JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tittieħed azzjoni orjentata lejn soluzzjonijiet għal bidla fil-mudelli kummerċjali, il-prestazzjoni ambjentali tal-prodotti, l-imġiba tal-konsumaturi u l-produtturi, eż. b'rabta mad-disinn u l-użu tal-prodotti u l-ġestjoni tal-iskart, u lejn ekonomija kollaborattiva u approċċ orjentat lejn il-katina ta' valur kollha; FILWAQT LI JAPPELLA għar-responsabbiltà tal-operaturi ekonomiċi kollha biex jieħdu rwol ta' gwida; FILWAQT LI JAGĦRAF is-simbjożi industrijali bħala miżura importanti għat-titjib tal-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi u għall-użu tal-iskart bħala riżors;

FILWAQT LI JISĦAQ fuq il-fatt li s-sostituzzjoni ta' sustanzi ta' tħassib (bħal sustanzi ta' tħassib serju ħafna, sustanzi niġġiesa organiċi persistenti u sustanzi li jfikklu s-sistema endokrinali) u l-ġestjoni għaqlija ta' riskji potenzjali emerġenti (nanomaterjali u l-effetti kkombinati tas-sustanzi) jenħtieġ li jiġu inkoraġġuti bħala fattur ta' innovazzjoni;

FILWAQT LI JISĦAQ fuq l-importanza tal-promozzjoni ta' użu effiċjenti, sostenibbli u ċirkolari ta' bijomaterjali permezz tat-tixrid ta' għarfien dwar soluzzjonijiet innovattivi bbażati fuq in-natura, l-aħjar prattiki għall-użu sostenibbli tar-riżorsi naturali u l-appoġġ għall-innovazzjoni fl-ekonomija bijoloġika;

FILWAQT LI JENFASIZZA l-importanza ta' qafas ta' monitoraġġ b'indikaturi affidabbli biex jitkejjel il-progress lejn ekonomija ċirkolari effiċjenti fl-użu tar-riżorsi u l-ħtieġa li dan il-qafas jiġi żviluppat f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri; FILWAQT LI JISĦAQ f'dan il-kuntest fuq il-ħtieġa li jiġu fformulati miri ambizzjużi u realistiċi fil-livell tal-UE, li jirriflettu b'mod xieraq il-progress li jkun sar tul il-katina ta' valur kollha, b'attenzjoni partikolari għall-istadji aktar bikrin ta' ċiklu tal-ħajja tal-prodott, u li jappoġġaw il-miri industrijali tal-UE;

FILWAQT LI JENFASIZZA li l-azzjoni li għandha l-għan li tikseb soċjetajiet innovattivi u reżiljenti, li tkun inklużiva u li barra minn hekk ikollha ambitu reġjonali, tagħmel l-aħjar użu minn soluzzjonijiet disponibbli u ppruvati u toħloq opportunitajiet għal żvilupp inklużiv u innovattiv u negozju sostenibbli, jenħtieġ li tkun ċentrali għall-ġejjieni tal-Ewropa u l-implimentazzjoni tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDGs); FILWAQT LI JAGĦRAF li l-produzzjoni u l-konsum sostenibbli fl-UE, inkluż il-qafas leġislattiv u volontarju tagħhom, huma marbutin mal-katini ta' valur u l-kummerċ globali, u jirrikjedu kooperazzjoni globali;

Politika komprensiva dwar il-prodotti

1. JAGĦRAF li l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi ambjentali u marbutin mas-saħħa tal-prodotti u s-servizzi hi strumentali fit-transizzjoni lejn l-ekonomija ċirkolari; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tippreżenta l-għażliet u l-azzjonijiet bil-ħsieb li jkun hemm qafas aktar koerenti ta' politika dwar il-prodotti fil-livell tal-UE, inkluż, fejn xieraq, il-konsolidazzjoni tal-istrumenti eżistenti f'qafas legali koerenti, biex jiġu pprovduti l-kundizzjonijiet għall-kompetittività ta' prodotti sostenibbli u r-rekwiżiti għad-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar is-sostenibbiltà tal-prodott lill-konsumaturi, il-produtturi u r-riċiklaturi, filwaqt li jitqiesu l-istrumenti u l-inizjattivi kollha eżistenti, inkluż l-Ekotikketta tal-UE, l-akkwist pubbliku ekoloġiku, il-Ftehimiet favur l-Innovazzjoni, l-Asserzjonijiet Ambjentali, l-Ekodisinn u l-Impronta Ambjentali tal-Prodott; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tintegra f'dan il-qafas l-attivitajiet li għaddejjin b'rabta mal-aspetti standardizzati tal-effiċjenza tal-materjali, bħall-estensjoni tal-ħajja tal-prodotti, il-kapaċità li jergġhu jintużaw komponenti jew li jiġu rriċiklati materjali minn prodotti fi tmiem il-ħajja tagħhom u mill-flussi ta' skart, l-użu ta' komponenti użati mill-ġdid u manifatturati mill-ġdid u materjali riċiklati fi prodotti kif ukoll attivitajiet rilevanti oħrajn, filwaqt li jitqiesu ċ-ċikli mhux tossiċi tal-materjal u impatti oħrajn fuq l-ambjent u fuq is-saħħa;
2. JISTIEDEN lill-Kummissjoni twettaq u tippreżenta valutazzjoni ta' kategoriji ta' prodotti b'potenzjal għoli ta' ċirkolarità, bħal prodotti elettroniki u tessuti, li għalihom id-disponibbiltà ta' informazzjoni dwar il-prodotti hi mill-aktar kruċjali biex isir progress fl-ekodisinn, l-użu mill-ġdid, it-tiswija u r-riċiklaġġ; JAPPELLA lill-Kummissjoni tiżviluppa u tippreżenta kriterji dwar is-sostenibbiltà u ċ-ċirkolarità tal-prodotti għal dawn il-kategoriji ta' prodotti, filwaqt li tqis b'mod partikolari l-effiċjenza fl-użu tar-riżorsi, il-kontenut ta' sustanzi ta' tħassib, il-potenzjal ta' riċiklaġġ u l-valutazzjoni ta' ċ-ċiklu tal-ħajja, waqt li tikkunsidra kif mistħoqq l-aspett tal-kompetittività, u tintegra l-kriterji fl-għodod ta' politika obligatorji u volontarji eżistenti rilevanti; JISTIEDEN ukoll lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa standards u kriterji ta' kwalità għal materja prima sekondarja; JAGĦRAF il-ħidma li saret mill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni fuq l-effiċjenza tal-materjali;

3. JAPPELLA lill-Istati Membri biex jagħmlu użu attiv mill-kriterji ta' sostenibbiltà u ċirkolarità tal-prodotti, pereżempju fil-proċess tal-akkwist pubbliku ekoloġiku u billi jkomplu jiżviluppaw l-iskemi kollettivi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur u l-kriterji intelliġenti li jintużaw biex it-tariffi jiġu mmodulati bil-għan li jingħata kumpens adegwat għad-disinn orjentat lejn iċ-ċirkolarità; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa gwida għall-Istati Membri u n-negozji biex jagħmlu użu minn tali kriterji; JITLOB lill-Kummissjoni tissorvelja l-implimentazzjoni tal-kriterji ta' sostenibbiltà u ċirkolarità tal-prodotti fl-UE u l-użu ta' inizjattivi volontarji għall-għoti ta' informazzjoni dwar il-prestazzjoni ambjentali ta' organizzazzjonijiet u prodotti;
4. JINNOTA li parti sinifikanti mill-impatt ġenerali tal-prodotti fuq l-ambjent u fuq is-saħħa tiġi ddeterminata fl-istadju tad-disinn; JENFASIZZA f'dan il-kuntest ir-rwol ta' approċċ orjentat lejn l-ekodisinn favur iċ-ċirkolarità tal-materjal, l-estensjoni tal-ħajja tal-prodott u trasparenza akbar tul il-katina ta' valur; IQIS li standards ta' ekodisinn progressivi u li kapaċi jadattaw jistgħu jgħaffu l-ekoinnovazzjoni fil-prodotti, is-servizzi u l-proċessi; JAPPELLA lill-Kummissjoni biex teżamina l-effettività u l-possibbiltajiet ta' ffissar dinamiku ta' standards bħala għodda li tappoġġa l-ekoinnovazzjoni lejn ekonomija ċirkolari; u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jaħdmu biex jizjed l-użu ta' approċċ orjentat lejn l-ekodisinn mill-operaturi ekonomiċi;
5. JITLOB lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija ambizzjuża għal ambjent mhux tossiku mingħajr dewmien fl-2018 skont l-oġettivi stabbiliti fis-Seba' EAP b'attenzjoni akbar fuq il-flussi ta' materjali sostenibbli, sikuri u mhux tossiċi, fuq it-trawwim ta' opportunitajiet għas-sostituzzjoni innovattiva ta' sustanzi ta' tħassib, fuq is-separazzjoni innovattiva tal-iskart u tekniki biex l-iskart u l-materja prima jiġu ddekontaminati, u fuq id-disponibbiltà ta' informazzjoni għall-konsumaturi, il-produtturi u r-riċiklaturi dwar dawn is-sustanzi li jinsabu fil-prodotti; JITLOB ukoll lill-Kummissjoni tiżviluppa bażi mtejbja ta' għarfien dwar sustanzi ta' tħassib u dwar id-disponibbiltà u l-karatteristiċi tal-alternattivi, u tappoġġa n-negozji fl-innovazzjoni lejn ċikli ta' materjali mhux tossiċi;

6. JENFASIZZA r-rwol importanti tan-negozji u l-użu li jagħmlu mill-ekoinnovazzjoni għall-bidla lejn ekonomija ċirkolari; JILQA' l-konklużjoni tal-Kontroll tal-Idoneità fuq l-Iskema ta' ġestjoni u verifika ambjentali (EMAS) u l-Ekotikketta tal-UE, li tikkonferma r-rwol siewi tal-iskemi bħala strumenti volontarji biex in-negozji jtejbju l-prestazzjoni ambjentali u marbuta mas-saħħa tal-prodotti, is-servizzi u l-organizzazzjonijiet u biex jipprovdu informazzjoni trasparenti; JAGĦRAF l-inizjattivi u l-azzjonijiet li diġà ttieħdu mill-Istati Membri; u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jiżviluppaw l-inċentivi rilevanti biex tiżdied id-diffużjoni ta' dawn l-iskemi, filwaqt li jqisu għodod oħrajn rilevanti ta' ġestjoni ambjentali kif xieraq, u jintegrawhom ma' għodod oħrajn ta' politika dwar il-prodotti u ġestjoni ambjentali biex jissaħħu l-effettività u l-valur miżjud fil-livell tal-Unjoni; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex joħolqu inċentivi biex irawmu mudelli ta' negozju orjentati lejn is-servizzi bħal mudelli ta' ekonomija kollaborattiva, kiri ta' prodotti u kiri ta' sustanzi kimiċi, u biex jintegraw mudelli bħal dawn f'dokumenti ta' politika strateġika u dawk ta' gwida;
7. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex jaħdmu fi sħubiji kooperattivi, filwaqt li jqisu l-kriterji eżistenti tal-ekotikkettar u l-akkwist pubbliku ekoloġiku għall-prodotti u s-servizzi, bil-ħsieb li jiġu ffissati miri volontarji, ambizzjużi u realistiċi komuni għall-akkwist pubbliku ekoloġiku; JAPPELLA lill-gvernijiet ċentrali, reġjonali u lokali biex jaġixxu ta' mudelli eżemplari fil-konsum sostenibbli billi jżidu s-sehem tal-akkwist pubbliku ekoloġiku, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tiżviluppa u tipprovdi l-kriterji għall-akkwist pubbliku ċirkolari u ekoloġiku, filwaqt li tqis il-kriterji ta' sostenibbiltà u ċirkolarità; JIRRAKKOMANDA li l-Kummissjoni tiżviluppa miżuri biex tappoġġa d-diffużjoni ta' dawn il-kriterji mill-gvernijiet lokali;

8. JENFASIZZA l-importanza tal-ekoinnovazzjoni biex tiżdied ir-rata ta' riċiklaġġ tal-plastik, l-użu ta' plastik sekondarju fl-industriji u s-sejbien ta' alternattivi sostenibbli, filwaqt li jitqiesu ċ-ċikli ta' materjali mhux tossiċi; b'rabta ma' dan JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tkompli tinvestiga l-possibbiltajiet ta' soluzzjonijiet innovattivi fis-sostituzzjoni ta' plastik mhux rinnovabbli u bbażat fuq materjali fossili b'alternattivi, bħall-bijomaterjali, li jagħtu benefiċċji ambjentali u tal-inqas l-istess funzjonalità għall-iskop u karatteristiċi xierqa għat-trattament, inkluż ir-riċiklaġġ;
9. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tivvaluta kif tista' ssir promozzjoni tal-ekoinnovazzjoni lejn ċirkolarità fil-qasam tal-użu mill-ġdid tal-ilma, kif previst fil-Pjan ta' Azzjoni lejn Ekonomija Ċirkolari; JISTENNA B'INTERESS ir-riżultati tal-valutazzjoni li għadha għaddejja tal-Istrateġija għall-Bioekonomija tal-2012 mill-Kummissjoni u l-azzjonijiet ta' segwitu sussegwenti tal-Kummissjoni;

Trasparenza u għodod diġitali

10. JAGĦRAF li l-informazzjoni dwar il-kontenut ta' sustanzi ta' tħassib u diversi materjali fil-prodotti, bħall-materja prima, materja prima kritika, plastik u materja prima sekondarja, hi meħtieġa biex il-konsumaturi, il-produtturi, il-bejjieġha bl-imnut u r-riċiklaturi, inkluż tul il-katini ta' valur globali, jimxu lejn ċikli aktar ċirkolari ta' materjali u jiżguraw li l-użu ta' materjali sekondarji jkun sostenibbli, sikur għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u bi prezz kompetittiv; JAGĦRAF li waqt li din l-informazzjoni tista' tingħata lill-konsumaturi permezz ta' tikketti fuq il-prodotti jew fejn jitqiegħdu l-prodotti fil-ħwienet, l-aċċessibbiltà tal-informazzjoni f'forma diġitali tista' tiffaċilita għażliet ċirkolari u sostenibbli min-negozji u l-konsumaturi u tinkoraġġixxi l-ġabra u r-riċiklaġġ ta' dawn il-prodotti u s-simbjożi industrijali, filwaqt li jiġi evitat piż amministrattiv bla bżonn;

11. JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jevalwaw l-istrumenti eżistenti u, jekk ikun meħtieġ, joħolqu strumenti ġodda, biex jagħtu informazzjoni rilevanti dwar il-kriterji ta' sostenibbiltà u ċirkolarità tal-prodotti, il-kontenut tal-prodotti u l-prestazzjoni ambjentali tal-organizzazzjonijiet, lill-konsumaturi, il-produtturi, il-bejjiegħa bl-imnut u r-riċiklaturi; JISTIEDEN lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u s-settur privat biex tipproponi taħlita ta' strumenti volontarji bil-ġħan li tiżdied it-trasparenza tal-prodotti; f'dan il-kuntest JISTIEDEN lill-Kummissjoni, soġġett għall-evalwazzjoni tal-fażi pilota li għaddejja bħalissa, biex tesplora wkoll l-użi possibbli tal-Impronta Ambjentali tal-Prodott (PEF) u tal-Impronta Ambjentali tal-Organizzazzjoni (OEF) biex titkejjel u tiġi kkomunikata l-informazzjoni ambjentali, filwaqt li jitqies b'mod sħiħ il-bżonn li tinżamm il-kompetittività tal-Istati Membri;
12. JITLOB lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati, biex tkompli tivvaluta u tagħti informazzjoni dwar il-fattibbiltà u l-karatteristiċi ta' skeda informattiva diġitali dwar il-prodott¹⁶, u, abbażi ta' dik il-valutazzjoni, tiżviluppa elementi ewlenin rilevanti għall-kategoriji ta' prodotti b'potenzjal għoli ta' ċirkolarità, fosthom il-kriterji ta' sostenibbiltà u ċirkolarità tal-prodotti u l-kontenut tal-prodotti, filwaqt li jitqiesu fost affarijiet oħra l-informazzjoni diġà disponibbli, l-istrumenti kollha eżistenti u l-attivitajiet kollha li għaddejjin fil-qafas leġislattiv u volontarju tal-UE; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiżviluppa, abbażi tal-valutazzjoni msemmija hawn fuq, sistema diġitali ta' informazzjoni dwar il-prodotti fil-livell tal-UE biex din l-informazzjoni ssir disponibbli;

¹⁶ L-iskeda informattiva diġitali dwar il-prodott, eż. passaport tal-prodott, tista' tinkludi informazzjoni ewlenija speċifika għall-prodott f'forma diġitali rigward il-materjali u s-sustanzi li jkunu jinsabu fil-prodott, kif ukoll informazzjoni dwar karatteristiċi ewlenin marbutin maċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà tal-prodott. L-aċċess għal din l-informazzjoni jkun jista' jsir permezz ta' applikazzjoni diġitali xierqa.

13. JISSOTTOLINJA li t-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari u lejn il-kisba tal-SDGs trid tiegħu vantaġġ sħiħ mill-innovazzjoni diġitali u li jenħtieġ li l-Kummissjoni u l-Istati Membri jiżviluppaw approċċ strateġiku biex jiġi żgurat l-użu sħiħ tal-potenzjal tas-settur tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni u tal-Komunikazzjoni (ICT); JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jivvalutaw u joħolqu kundizzjonijiet favorevoli għall-użu tal-ICT fil-governanza elettronika u l-kooperazzjoni mas-soċjetà ċivili u s-settur privat u aċċessibbiltà akbar għall-informazzjoni, inkluż permezz tal-iżvilupp tal-infrastruttura tal-IT rilevanti u l-promozzjoni tal-moviment liberu tad-data; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tinkludi l-valutazzjoni tal-vantaġġi ta' soluzzjonijiet tal-ICT fil-valutazzjonijiet tal-impatt ta' politiki u azzjonijiet fil-livell tal-Unjoni;

Inċentivi għat-tisħiħ tal-innovazzjoni

14. JITLOB lill-Kummissjoni tippreżenta analiżi komprensiva tal-istadji f'katina ta' konsum u produzzjoni, fejn għad hemm nuqqasijiet jew ostakli tas-suq uniku u aktar inċentivi għandhom potenzjal kbir li jħaffu t-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari; JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex ineħħu ostakli regolatorji u amministrattivi għall-innovazzjoni li jirriżultaw f'titjib ambjentali, u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tipprovi għażliet għal firxa wiesgħa ta' inċentivi xierqa għan-negozji u l-konsumaturi biex tiġi megħjuna u ffaċilitata l-ekoinnovazzjoni u biex tiżdied it-trasparenza tas-sostenibbiltà tal-prodotti għall-kunsiderazzjoni mill-Istati Membri, bħal miżuri finanzjarji, regolamentazzjoni intelliġenti u tnaqqis tal-piż regolatorju, filwaqt li jiġi rrispettat il-livell għoli eżistenti ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem u l-ambjent; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkooperaw u jaqsmu esperjenzi fl-iżvilupp ta' dawn l-inċentivi;

15. JENFASIZZA l-importanza li l-SMEs u n-negozji l-ġodda jiġu appoġġati b'mod speċifiku b'finanzjament, bini ta' kapaċitajiet, għarfien espert speċifiku tekniku u marbut mar-riċerka u t-tneħħija tal-ostakli regolatorji u tekniċi eżistenti, sabiex jiġu appoġġati biex jiksibu l-potenzjal ċirkolari tagħhom; JAPPELLA lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex iqisu l-miri tal-ekoinnovazzjoni, l-effiċjenza fir-riżorsi u ċ-ċirkolarità, filwaqt li jirrevedu l-istrategġiji ta' investiment u finanzjarji tagħhom; JITLOB lill-Kummissjoni tagħti prijorità lill-ffinanzjament ta' proġetti ekoinnovattivi u sostenibbli fil-programmi ta' investiment u finanzjarji tal-UE, inkluż il-Programmi Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni, b'attenzjoni speċifika fuq l-SMEs u n-negozji l-ġodda; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipproponi, wara li tevalwa l-programm pilota ta' Verifika tat-Teknoloġija Ambjentali, appoġġ xieraq għar-reklamar ta' teknoloġiji ekoinnovattivi minn SMEs u negozji ġodda; JILQA' t-twaqqif ta' Ċentru Ewropew ta' Eċċellenza fl-Effiċjenza fir-Riżorsi, li jagħti informazzjoni u appoġġ lill-SMEs, l-intermedjarji tan-negozju, prattikanti tal-effiċjenza fir-riżorsi u partijiet ikkonċernati oħra;

Azzjoni u għarfien lokali

16. JISSOTTOLINJA li billi fost affarijiet oħra jiffissaw miri ambizzjużi għas-sostenibbiltà, ir-regġuni, il-bliet kbar u daww k żgħar jaqdu rwol sinifikanti fil-prova ta' soluzzjonijiet ġodda u proġetti pilota, biex b'hekk ikunu katalisti għall-ekoinnovazzjoni; JAGĦRAF li s-soluzzjonijiet bbażati fuq in-natura u infrastrutturi urbani ekoloġiċi joffru modi innovattivi u b'għadd ta' funzjonijiet biex jitnaqqas it-tniġġis u jiġu indirizzati l-isfidi lokali, inkluż il-mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u l-adattament għalih, l-inklużjoni soċjali, u l-bilanċ bejn l-ispazji ta' għajxien u daww tax-xogħol kif ukoll spazji ħodor pubbliċi u privati; JITLOB lill-Kummissjoni tidentifika l-oqsma fejn soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura għandhom l-akbar potenzjal li jtejbju l-prestazzjoni ambjentali; JAPPELLA lill-Istati Membri u l-awtoritajiet reġjonali u lokali tagħhom jistabbilixxu miri ambizzjużi u realistiċi għas-sostenibbiltà, jintroduċu soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fil-pjanijiet għall-iżvilupp reġjonali u daww territorjali, jiżviluppaw sħubiji u jitgħallmu mill-aħjar prattika;

17. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħmlu użu mill-Green Spider Network, il-Forum Ewropew dwar l-Innovazzjoni Ekoloġika, is-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Materja Prima u l-Pjattaforma Ewropea tal-Partijiet Interessati tal-Ekonomija Ċirkolari sabiex jippromwovu soluzzjonijiet ekoinnovattivi lejn ekonomija ċirkolari; JISĦAQ dwar l-importanza li l-Istati Membri u l-Kummissjoni jiżviluppaw approċċ strateġiku biex jinkludu ruħhom u jikkooperaw mas-settur tan-negozju u l-esperti fil-qasam tal-finanzi, l-ekonomija u l-edukazzjoni u l-pubbliku aktar ġenerali, pereżempju permezz ta' proġetti ta' kooperazzjoni ffukati mal-istituzzjonijiet nazzjonali responsabbli kif ukoll użu u appoġġ immirati għall-għodod ta' ġestjoni nazzjonali u internazzjonali;
18. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u l-Istati Membri jorganizzaw kampanji għas-setturi ewlenin biex iżidu l-għarfien tal-konsumaturi dwar il-karatteristiċi ta' sostenibbiltà tal-prodotti u biex tingħata informazzjoni ambjentali importanti; JISTIEDEN lill-Istati Membri jiżviluppaw punti ċentrali nazzjonali u reġjonali ta' riċerka u innovazzjoni, fosthom punti ta' kuntatt, għall-ekonomija ċirkolari u jstimulaw kooperazzjoni bejn is-settur pubbliku u dak privat biex jingħata appoġġ lil proġetti ċirkolari ekoinnovattivi nazzjonali u internazzjonali; IĦEĠĠEĠ ukoll l-iskambju ta' approċċi regolatorji u ta' governanza li jgħinu l-ekoinnovazzjoni; JITLOB lill-Kummissjoni tintegra ċ-ċirkolarità fi djalogi ma' sħab esterni u tinkludi l-ekoinnovazzjoni fi programmi ta' kooperazzjoni internazzjonali, bħall-Programm għall-Produzzjoni u l-Konsum Sostenibbli u dak għall-Ġestjoni Korretta tal-Iskart u tas-Sustanzi Kimiċi;

Passi li jmiss

19. JISTENNA BIL-ĦERQA l-miżuri li ser jittieħdu mill-Kummissjoni mingħajr dewmien biex jitwettaq il-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari, b'mod partikolari l-preżentazzjoni ta' strateġija għall-plastik, il-valutazzjoni ta' interfaċċja aħjar bejn il-leġislazzjoni dwar il-kimika, il-prodotti u l-iskart, proposta leġislattiva dwar l-użu mill-ġdid tal-ilma u qafas ta' monitoraġġ għall-ekonomija ċirkolari;

20. JITLOB lill-Kummissjoni tipprovdi lill-Kunsill b'aġġornament annwali bil-miktub dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Ekonomija Ċirkolari, filwaqt li tqis l-implimentazzjoni tal-programmi ta' ħidma tad-Direttiva dwar l-Ekodisinn u r-Regolament dwar it-Tikkettar tal-Enerġija; JISTIEDEN lill-Kummissjoni terġa' teżamina u tkompli tiżviluppa, kif xieraq, il-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari, biex issaħħaħ l-isforzi għat-transizzjoni lejn ekonomija ċirkolari aktar effiċjenti fir-riżorsi u żżid il-momentum għall-ekoinnovazzjoni, mingħajr preġudizzju għall-qafas finanzjarju pluriennali tal-UE.
-